

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2017 – All Star vs EUIPO – Carrefour Hypermarchés (Forma ta' pett ta' żarbun)**(Kawża T-611/17)**

(2017/C 374/67)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: All Star CV (Beaverton, Oregon, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Kunze, G. Würtenberger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Carrefour Hypermarchés (Evry, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark tridimensjonali tal-Unjoni (Forma ta' pett ta' żarbun) – Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 7 497 373

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: il-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 952/2014-4

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikoli 62, 63 u 64 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikoli 75 u 78 tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikoli 63 u 75 tar-Regolament Nru 207/2009 u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- Ksur tal-Artikoli 52(1) u 7(1) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikoli 52(2) u 7(3) tar-Regolament Nru 207/2009;
- Ksur tal-Artikolu 77 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Settembru 2017 – Bonnafous vs EACEA**(Kawża T-614/17)**

(2017/C 374/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Laurence Bonnafous (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

Talbiet

— tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;

konsegwentement:

- tannulla d-deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2016, dwar it-tkeċċija tar-rikorrenti;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, tat-2 ta' Ġunju 2017, li tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tat-3 ta' Frar 2017;
- tagħti lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 15 000 għad-dannu morali sostnut;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 84 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, fuq l-irregolaritajiet proċedurali mwettqa mill-aġenzija konvenuta, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura kif ukoll fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti u, b'mod partikolari, tad-dritt għal smiġh tagħha.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq assenza ta' kundizzjonijiet normali ta' perijodu ta' prova kif ukoll fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-assenza ta' għanijiet iddefiniti b'mod ċar, fuq il-ksur tal-Artikolu 80 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' korrispondenza bejn il-grupp ta' funzjonijiet IV u l-kompiti attribwiti lir-rikorrenti.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li r-rapport dwar il-perijodu ta' prova huwa bbażat fuq motivi manifestament żbaljati.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dmir ta' premura u tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll fuq użu ħażin ta' poter.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2017 – Taminco u Arysta LifeScience Great Britain vs EFSA

(Kawża T-621/17)

(2017/C 374/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Taminco BVBA (Gent, il-Belġju), Arysta LifeScience Great Britain Ltd (Edinburgh, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: C. Mereu u M. Grunhard, avukati)

Konvenuta: L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA)

Talbiet tar-Rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tat-18 ta' Lulju 2017, ikkomunikata lir-rikorrenti fl-20 ta' Lulju 2017, fuq l-evalwazzjoni tat-talbiet ta' kunfidenzjalità mressqa fir-rigward tal-applikazzjoni għat-tiġdid tal-proċess għall-approvazzjoni għal Thiram bħala sustanza attiva;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.